# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu, 2002**

**Numru 4**

**Avviz. numru 545/98mm**

**CLT Hotel Services Limited**

**vs**

**Leisure First Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Marzu,1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta' skond il-Ligi, thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sittin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm460.62c), jew somma ohra verjuri, ammont rapprezentanti bilanc fuq hlas dovut lis-socjeta' attrici ghal akkomodazzjoni diversa u servizzi ancillari suppliti fuq

ordni tas-socjeta' konvenuta gewwa l-Patricia Hotel, Guze' Howard Street, Sliema, bejn Lulju u Ottubru 1997, liema bilanc baqa' ma thallasx.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Novembru 1997, u interessi legali mid-data li fiha nghataw is-servizzi de quo sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma hu dovut l-ebda ammont mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici.

2. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ma hux ibbazat fuq ir-rati stabbiliti permezz ta' kuntratt bejn il-partijiet, datat 11 t'April 1997 (Dok "A"), liema rati kontenuti fl-istess kuntratt kellhom japplikaw bejn il-partijiet.

3. Illi in subsidium u minghajr pregudizzju ghas-suespost fl-20 ta' Novembru 1997 sar pagament ta' Lm486.18 ghas-saldu tal-ammonti kollha dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici, u dan il-pagament gie accettat mis-socjeta' attrici.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament u t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' attrici tiggestixxi lukanda go Guze' Howard Street, Sliema bl-isem ta' Patricia Hotel. Is-socjeta' konvenuta hija agenta ta' l-ivvjaggar illi tikkoncentra principalment mis-suq Russu. Sar ftehim bejn iz-zewg partijiet illi s-socjeta' konvenuta tuza s-servizzi tas-socjeta' attrici ghal dik illi hija akkomodazzjoni ghall-klijenti taghha.

Sar ftehim bejn il-partijiet liema ftehim qieghed esebit f'dawn l-atti a fol 7 tal-process. Dan il-ftehim huwa soggett ghal kontroversja bejn il-partijiet peress illi jidher illi s-socjeta' konvenuta tat interpretazzjoni diversa minn dik moghtija mis-socjeta' attrici.

Sar stagun ta' xoghol bejn iz-zewg partijiet u fl-ahhar meta nqala d-dizgwid, intbaghat cheque ta' erba mija u tmienja u sittin lira u tmintax-il centemzi (Lm468.18c) lis-socjeta' attrici. Dan ic-cheque kien kopert b'ittra ta' l-20 ta' Novembru 1997 li huwa esebit a fol 14.  Dan il-hlas gie accettat mis-socjeta' attrici li akkreditatu lill-ammont dovut lilha mis-socjeta' konvenuta. Hawnhekk tibda l-ewwel kontroversja bejn il-partijiet peress illi s-socjeta' konvenuta qieghdha tghid illi dan il-hlas sar ghas-saldu,

mentri s-socjeta' attrici qieghdha tghid li l-hlas sar biss *on account.*

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti trid l-ewwel tidderimi din l-ahhar kwistjoni qabel tidhol fil-meritu ta' l-interpretazzjoni tad-dokument a fol 7.

Ma hemmx dubbju illi l-aktar paragrafu importanti ta' l-ittra a fol 14 huwa l-modalita' tal-hlas. Skond is-socjeta' konvenuta dan il-hlas qed isir *"…with our contract rates, the bill owed by us is a total of Lm486.18c".*

Kenneth Debono wiehed mid-Diretturi tas-socjeta' konvenuta qal illi minkejja l-kliem *in full and final settlement* ma kienux uzati f'din l-ittra, dik kienet l-intenzjoni tal-kitba wzata minnu (fol 66). Il-Qorti pero' ma jidhrilhiex li tista taghti xi nterpretazzjoni diversa minn dak illi huwa car u ma jhalli l-ebda dubbju. Dana huwa konformi mat-taghlim fid-dritt Ruman li *"expressum facit cessare tacitum".*

Skond l-ittra fuq imsemmija ta' l-20 ta' Novembru 1997 il-hlas mhuwiex qed isir *in full and final settlement* izda skond l-interpretazzjoni li tat is-socjeta' konvenuta ghall-ftehim milhuq bejn il-partijiet skond b'fax tal-11 t'April 1997. Din l-interpretazzjoni hija manifestata b'dawn il-kliem fuq imsemmija u cioe' *with our contract rates,* ghalhekk is-socjeta' konvenuta qieghdha tikkondizzjona r-rati li kienu mifthiema bejn il-partijiet

ghal dak li jidhrilha hi. Illum dawn ir-rati huma soggett ghal kontroversja, quindi anke dan il-pagament huwa soggett ghall-istess kontroversja. Bir-ragun ghalhekk il-kreditur u cioe' s-socjeta' attrici accettat dan il-pagament *"on account"*.

Veru illi kif ghallmet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet William Apap vs Joseph Gasan deciza fis-26 ta' Novembru 1986 *"…il-kreditur m'ghandhux dritt unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament…."* (ara wkoll Trinatours Limited vs Martin Camilleri Inferjuri deciza fis-27 ta' April 2001), izda l-mod kif gie offrut dan il-pagament mis-socjeta' konvenuta huwa soggett ghal interpretazzjoni unilaterali ta' ftehim li hu soggett ta' kontroversja, ghalhekk is-socjeta' attrici accettat dan il-pagament bl-istess kondizzjonijiet li gie offrut lilha u ma hijix tipprezumi xi haga illi ma hix indikata fl-istess ittra ta' l-20 ta' Novembru 1997. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx ma' l-ahhar eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta meta qalet illi dan il-pagament gie offrut u accettat mis-socjeta' attrici ghas-saldu.

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ftehim milhuq bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghal ftehim Dokument A a fol 7. Skond dan id-dokument, il-partijiet ftehmu fuq rati specjali ghas-servizzi tas-socjeta' attrici, liema rati huma soggetti ghal kondizzjoni li *"these however can only be offered on request and late basis, that is that most not before seven days from arrival date."* Ma gie diskuss bejn il-partijiet l-ebda rata ohra hlief dik li hemm imsemmija fid-dokument a fol 7.

Carmel Farrugia l-*Managing Director* tas-socjeta' attrici kkonferma illi sar dan il-ftehim bejniethom u qal illi barra dawk ir-rati ghandhom ukoll it-*tour operator rates* u rati ohra illi jigu applikati direttament lill-klijent. Dawn it-*tour operator rates* huma dejjem irhas minn dawk ir-rati diretti u huma oghla minn dawk ir-rati illi gew miftiehma bejn il-partijiet. Daniela Lazzarova tghid illi ma kien jinteressaha xejn hlief dawn il-*late booking rates* u ddiskutiet mas-Sur Farrugia biss dawn ir-rati.

Is-socjeta' konvenuta tirrikonoxxi illi kien hemm numru ta' klijenti illi bbukkjaw il-mawra taghhom mas-socjeta' attrici qabel is-sebat ijiem tal-wasla taghhom fil-lukanda. Daniela Lazzarova ghan-nom tas-socjeta' konvenuta targumenta illi f'dan il-kaz is-socjeta' attrici kellha ghazla illi jew taccetta dawn il-klijenti bir-rata miftiehma skond id-dokument A jew inkella ma taccettahhomx, imma ma kellha l-ebda dritt timponi rati ohra oltre dak illi kienu miftiehma bejn il-partijiet.

Kenneth Debono jikkonferma dan l-argument u a fol 64 ighid *"if the booking is longer than seven days before the arrival date, the hotel has discretion as to the rates applied. It may apply the late booking or the request rate or it may apply other rates at its discretion. To my knowledge we were never given any other rates other than those applicable to late bookings and requests"*. Fil-fatt hawn qieghed l-argument kollu. La l-kondizzjonijiet imsemmija fid-dokument A ma gewx osservati, quindi l-partijiet kienu liberi illi jitolbu u jircievu rati differenti minn dawk

mifthiema, pero' s-socjeta' konvenuta ma kellha l-ebda dritt tippretendi illi jigu applikati l-*late booking rates* meta l-kondizzjoni ghall-applikazzjoni taghhom ma avveratx ruhha.

Is-socjeta' konvenuta kienet taf illi dawn il-bookings mhumiex koperti bil-ftehim Dokument A, quindi messha baghtet in-nies taghha band'ohra u mhux tibghathom ghand is-socjeta' attrici, mbaghad tippretendi li thallas bil-"*last minute rates"* meta dawn ma japplikawx. Daniela Lazzarova assumiet illi darba dawn il-klijenti gew accettati u darba kien hemm biss rata wahda mifthiema bejn il-partijiet, hija din ir-rata li ghandha tigi applikata u xejn aktar.

Is-Sinjura Lazzarova pero' qieghdha tinsa illi dawn ir-rati huma kondizzjonati ghaz-zmien imsemmi fid-dokument A. Darba dan iz-zmien ma javverax ruhu, quindi dan il-ftehim ma japplikax u s-socjeta' attrici gustament kienet libera tapplika r-rata li jidhrilha opportun, f'dan il-kaz it-*tour operator rates*. Il-Qorti ma tara xejn hazin f'dan l-argument tas-socjeta' attrici illi kienet gustifikata tapplika r-rati li trid darba l-ftehim dokument A ma giex osservat mis-socjeta' konvenuta.

Din is-socjeta' ilmentat ukoll minn zewg *invoices* meta qalet illi dawn il-klijenti ntbaghtu fit-terminu ta' sebat ijiem pero' gew applikati rati differenti. Kif spjega Carmel Farrugia, wiehed minn dawn il-klijenti kien ilu jibbukkja minn ferm qabel sebat ijiem izda ma setghax jigi akkomodat minhabba nuqqas ta' spazju, mentri

fuq il-klijent l-iehor setgha kellu xi dubbju dwaru. Dan l-ahhar klijent jinsab fatturat a fol 38 minn fejn jirrizulta illi l-booking sar fis-26 ta' Settembru 1997 u l-wasla Malta kienet fl-1 ta' Ottubru u t-tluq kien fit-8 ta' Ottubru, ghalhekk il-mawra kellha tkun ghal sebat iljieli fuq *half board basis.*

Dawn is-sebat iljieli bir-rata ta' erba' liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm4.75c) il-persuna jgibu t-total ta' sitta u sittin lira u hamsin  centezmi (Lm66.50). A fol 37 hemm il-fattura rilevanti ta' dawn in-nies, liema fattura ggib ic-cifra korretta ta' sitta u sittin lira u hamsin  centezmi (Lm66.50c). Il-Qorti ghalhekk ma tara li tista tbiddel xejn mic-cifra originarjament mitluba mis-socjeta' attrici. Mill-bqija l-Qorti ssib li s-socjeta' attrici mxiet korrettament fil-relazzjonijiet kummercjali taghha mas-socjeta' konvenuta. It-termini tal-ftehim taghhom kien mizmum mill-istess socjeta' attrici u kienet is-socjeta' konvenuta li tat interpretazzjoni hazina ta dan il-ftehim u ppretendiet rati illi ma kienux konformi ta' l-istess.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallasha s-somma ta' erba mija u sittin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm460.62c), ammont rapprezentanti bilanc fuq hlas dovut lis-socjeta' attrici ghal akkomodazzjoni diversa u servizzi ancillari

suppliti fuq ordni tas-socjeta' konvenuta gewwa l-Patricia Hotel, Guze' Howard Street, Sliema, bejn Lulju u Ottubru 1997, liema bilanc baqa' ma thallasx.

Bl-ispejjez u l-interessi legali kontra s-socjeta' konvenuta mid-data tan-notifika ta' l-avviz.

Anthony Zammit
Dep Reg